# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Novembru 2020

**Rikors Numru : 89/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MS**

**Vs**

**ME**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' **MS** datat 28 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kien iżżewweġ lil ME nhar it-tlieta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (23.01.2007) u miż-żwieġ tagħhom twieldet A nhar X;*

2. *Illi għalkemm il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Jean Carl Debono datat is-sbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (17.03.2017) (dok A) huma kienu ilhom jgħixu ħajja separata de facto sa' mill-ħamsa ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (05.01.2015) u dan kif jirriżulta anke mill-kuntratt ta' kera iffirmat mill-esponent meta telaq mid-dar konjugali (Dok B).*

3. *Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu irrinunzjaw b'mod reċiproku mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin filwaqt li l-esponent dejjem ħallas il-manteniment dovut għall-bint A.*

4. *Illi llum ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijeit ta' Malta.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' **ME** datata 29 ta' Mejju 2020, a fol 21 li taqra hekk:

1. *Illi hija taqbel mal-premessi tal-attur.*

2. *Illi ma għandha l-ebda oġġezzjoni li ż-żwieġ tagħha mal-attur MS jiġi maħlul permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi hija ma għandhiex tkun responsabbli għall-ispejjeż infoluti u diment li jibqa jiġi onorat il-manteniment lejn il-minuri it-tifla tagħhom;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MS** xehed (vide affidavit a fol 26) illi huwa iżżewweġ fit-23 ta' Jannar 2007 u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda li għadha minuri. Illi l-partijiet isseparaw fis-17 ta' Marzu 2017 pero ilhom jgħixu separatament minn Jannar 2015. Illi ebda manteniiment ma huwa dovut bejn il-partijiet, u li huwa dejjem ħallas il-manteniment dovut għal bintu minuri. Illi sa' mill-2015 il-partijiet qatt ma reġgħu għexu flimkien u ma hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom.

Illi **ME** xehdet (vide affidavit affidavit a fol 28) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed **MS.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Jannar 2007 (Vide fol 30) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla waħda.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono, datat 17 ta' Marzu 2017 (vide Dok. A fol 6 et seqq.) pero il-partijiet ilhom separati defacto sa' minn Jannar 2015, u ghalhekk ilhom defacto separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**